MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2004

Numru. 309/2003

**Il-Pulizija**
**(Sp. Ramon Mercieca)**

**vs**

**Glenn Bezzina ta' 22 sena, iben Martin u Josephine nee Farrugia, mwieled Pieta' fis-6 ta' Dicembru, 1981, li l-ahhar indirizz maghruf huwa Blk B, Flat 6, Triq San Nikola, Valletta, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 14482 (M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Glenn Bezina li gie akkuzat talli fit-8 ta' April, 2003 ghall-habta ta' xi 11.45 a.m. minn gewwa Triq il-Mediterran il-Belt Valletta ikkometta serq ta' portable radio tal-marka 'Philips' minn go vettura bin-numru ta' registrazzjoni mhux maghruf, u minn vettura bin-numru ta' registrazzjoni JAO 359 li kienet ipparkjata fi Triq Marsamexett ikkommetta serq ta' sett cwievet u zewg CDs, li kineu f'post pubbliku jew f'post accessibli ghall-pubbliku, jew fuq xi parti jew accessorju ta', jew fuq xi haga li tkun go dik il-vettura li l-ammont tieghu huwa ta' anqas minn Lm 100, liema serq huwa aggravat bix-xorta tal-haga misruqa u dan bi ksur tal-artikoli 261(g) u 271 (g) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta,

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, f'dawn il-gzejjer, xjentement xtara jew laqa' ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reati sew jekk dan isir Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kullmod iehor li indahal biex ibieghhom jew imexxihom, liema oggetti kienu gejjin minn serq ikkwalifikat bil-valur li ma jeccedix l-elf lira Maltin u dan bi ksur ta' artikolu 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta,

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe ghamel hsara fuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni JAO-359, liema hsara hija ta' aktar minn LM 50 (hamsin lira Maltin) izda anqas minn Lm 250 (mitejn u hamsin lira Maltin), ghad-dannu ta' Demajo Group of Companies u dan bi ksur tal-artikolu 325(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta,

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi wara li kien gie ikkundannat f'Malta ghal serq, jew ghal ricettazzjoni, instab fil-pussess ta' ghodod tajbin ghal ftuh jew sgassar ta' serraturi u dan minghajr ma ta kont sodisfacenti ghal liema skop legittimu kienu jinsabu ghandu u dan bi ksur ta' Artikolu 287 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta,

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati mill-Magistrat Dr J. Cassar LL. D. u li saret

definittiva fid-19 ta' Frar, 2003 ghamel reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali ghal proceduri sommarji.

Rat li l-imputat ma kellu ebda oggezzjoni ghal tali proceduri.

Fuq ammissjoni qed issibu hati ta' l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u dan wara li rat l-artikoli 261, 271, 234, 325, 287, 28A tal-Kap 9.

Rat il-pre sentencing report redatt mill-Probation Officer Marietta Lanzon u ghalkemm l-istess Glenn Bezzina ammetta li kien anke kiser sentenza sospiza, ma tistax din il-Qorti ma taqbilx ma' dak li kkonkludiet l-istess probation officer.

Dan qed jinghad ukoll tenut kont anke ta' dak li xehdu Josette Camilleri u l-istess Marietta Lanzon dwar il-motivazzjoni u l-andament ta' l-istess Glenn Bezzina.

Ghaldaqstant qeghda tapplika l-provediment ta' l-artiklu 28A u tikkundanna lil Glenn Bezzina ghal tnax-il xahar prigunerija sopizi ghal sentejn u dan fil-konfront tar-reati in dizamina.  Fil-konfront ta' ksur tas-sentenza sospiza rat l-artiklu 28B(2)(b) u qeghda tvarja l-perjodu operattiv ghal tliet snin mil-llum.

Qeghda wkoll tqeghdu taht ordni ta' supervizjoni wara li rat l-artiklu 28G ghal zmien ta' sena mil-llum u tahtar ghal dan l-iskop lill-Probation Officer Marietta Lanzon b'dan illi Glenn Bezzina ghandu jobdi d-direttiv kollha ta' l-istess ufficjal sorveljanti u jsegwi dawk id-direttivi kollha mehtieg biex jissokta l-programm gia minnu mibdi kontra l-abbuz tad-droga.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------